**20 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Robert Borg pr. et. ne.

*versus*

Avukat Dr. Renè Cremona et. ne.

**Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Bejgħ — Kampjun — Użu Kummerċjali — Art. 743(g) tal-Kap. 15.**

*Min mhuwiex suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer għal xi waħda mir-raġunijiet l-oħra enumerati mil-liġi jista' jkun hekk suġġett jekk is-sentenza li eventwalment tingħata kontra tiegħu tkun tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer. Jekk lanqas dan ir-rekwiżit ma jirrikorri, il-kawża toħroġ mill-kompetenza tal-Qrati Tagħna minħabba difett ta' ġurisdizzjoni.*

*Hemm differenza bejn meta l-vendita tkun in bażi għal kampjun u meta tkun fuq it-tip tal-kampjun. Fl-ewwel każ tkun neċessarja identità assoluta; fit-tieni jkun biżżejjed li l-merċi jkollha dak il-kumpless ta' karattri li jagħmilha appartenenti għat-tip u għall-kwalità pattwita, mingħajr ma l-kumpratur ikun jista' jeċċepixxi differenzi żgħar li minħabba fihom il-merċi ma tkunx tikkorrispondi għall-kampjun.*

*U meta l-kampjun ikun ġie kostitwit bħala l-uniku u esklużiv terminu tal-konfront bejn il-merkanzija mibjugħa u dik li tiġi konsenjata, fil-prattika u fl-użu kummerċjali jiġu osservati kawteli speċjali biex jiġu assikurati l-konservazzjoni u l-identità tal-kampjun, u biex jiggarantuh kontra l-perikolu ta' alterazzjonijiet u sostituzzjonijiet, u ċjoè is-suġġellament tal-kampjun jew id-depożitu tiegħu għand terza persuna magħżula bil-komuni fiduċja tal-partijiet.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta li fit-28 ta' Settembru 1959 hu xtara minn għand il-konvenut Niyazi Mutaf 300 "metric tons" ful "Panderma" skond kampjun mibgħut mill-istess konvenut lill-istess attur u minn dan approvat, bil-prezz ta' £30. 15. 0d

il-"metric ton" caf. Malta Fog, u 135 "metric tons" Karabiga bil-prezz ta' £31. 5. 0d il-"metric ton" caf. Malta Fog, li kellhom jitgħabbew "alla rinfusa", però separati waħda mill-oħra; u illi fil-5 ta' Ottubru 1959 hu żied l-ordni tal-"Karabiga" b'65 "metric tons", bl-istess prezz u kondizzjonijiet bħal ta' qabel, b'mod li l-ordni ta' din il-kwalità saret ta' 200 tunellata metrika; u li fid-19 ta' Ottubru 1959 hu xtara minn għand l-istess konvenut Mutaf 65 "metric tons" Panderma u 35 "metric tons" Karabiga oħra, bil-prezz uniformi ta' £31. 15. 0d il-"metric ton" caf. Malta Fog; liema merkanzija kellha wkoll tiġi spedita distinta u separata kwalità minn oħra; u li l-ħlas kellu jsir fuq apertura ta' kreditu, li nfetaħ għat-tliet ordnijiet separatament, u ċjoè għall-300 tunellata Panderma fl-ewwel ta' Ottubru 1959 (nru. 59/153), għall-135 tunella Karabiga fl-ewwel ta' Ottubru 1959 (nru. 59/154), li ġie miżjud fis-6 ta' Ottubru 1959 dwar il-65 tunellata miżjuda mal-istess ordni, u għal 65 tunellata Panderma u 35 tunellata Karabiga fil-21 ta' Ottubru 1959 (nru. 59/171); u illi, meta l-bastiment M.V. Triaina wasal f'Malta bil-merkanzija fuq deskritta, ġie konstatat illi l-istess merkanzija tal-kwalità Panderma, ordnata fuq kampjun, kienet ta' kwalità ħafna nferjuri għall-istess kampjun, u di pjù kienet imħallta mal-partita Karabiga, kuntrarjament għall-kondizzjoni espressa tal-bejgħ; u li l-aħħar partita ordnata ġiet mibgħuta fi kwantità nferjuri għal dik ordnata, peress li f'lok 35 "mertic tons" Karabiga intbagħtu 21 "metric tons", u minħabba f'hekk id-dokumenti relattivi ma ġewx aċċettati mill-banka estera, u kwindi ma setgħetx tiġi ritirata mill-attur kontra preżentazzjoni tad-dokumenti; u oltre dan, kellu d-dritt jirrifjutaha għax nieqsa, imħallta u mhux tal-kwalità mifthema; u li in vista tal-imsemmi taħlit fil-merkanzija u tal-kwalità nferjuri li ġiet konsenjata, l-attur sofra danni, billi ma setgħax ibiegħ kif kien ftiehem u kif kien ibiegħ fil-kors normali tan-negozju; u li rigward il-partita ta' 300 tunnellata Panderma (kreditu nru. 59/153) u tal-200 tunellata Karabiga (kreditu nru. 59/154) il-konvenut Niyazi Mutaf ma setgħax jirtira l-istess krediti, billi, kuntrarjament għall-kondizzjoni mniżżla fl-istess krediti, il-poloz tal-karigu kienu juru li l-merkanzija kienet tgħabbiet imħallta, u biex jista' jirtira dawk il-krediti, il-konvenut Loukas Francos nomine, jew min għalieh, dolożament ħareġ poloz ta' kari-

gu oħrajn li ma kienux juru l-fatti tal-karikazzjoni attwali, u li fuqhom il-bank ta' barra ħallas l-importi relattivi, u b'dan il-mod l-istess Loukas Francos ġie naqqas il-possibbilità li l-attur jitħal'as tad-danni minnu sofferti, u kwindi huwa wkoll ir-renda ruħu responsabbli tal-istess danni; u li, għalkemm in-nol kien kompriż fil-prezzijiet fuq indikati, fil-fatt l-attur kellu jħallsu separat fuq il-partiti kollha, b'mod li hemm lok tar-rifużjoni tan-nol dwar l-aħħar ordni ta' 100 tunellata, u ċjoè dwar is-86 tunella li waslu, imma hu ma rtirax;

Talab (1) li l-konvenuti jiġu dikjarati responsabbli lejh tad-danni, konsistenti fit-telf li sofra u fil-qliegħ li tilef minħabba n-nuqqasijiet tal-istess konvenuti għarraġunijiet premessi; (2) li konsegwentement l-istess konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu solidalment flimkien dik is-somma li tiġi likwidata, in linea ta' l-istess danni; (3) u li jiġu wkoll kundannati jħallsu lilu l-import ta' £206. 8. 0d in rifużjoni tal-imsemmi nol minnu mħallas fuq l-imsemmijin 86 tunellata, bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandati ta' sekwestru numri 387 u 393 tal-1959; u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra lilu talvolta kompetenti minħabba n-nuqqasijiet fil-każ li ma jiġux kompensati "aliunde";

*Omissis;*

Tikkunsidra l-ewwelnett, dwar l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti riferibbilment għall-konvenut Loukas Francos armatur tal-bastiment "M/V Triaina";

Din l-eċċezzjoni hi fondata u għandha tiġi milqugħa, l-għaliex il-kawża, in kwantu diretta kontra l-imsemmi Loukas Francos ma tirrigwardax persuna li tidħol fl-enumerazzjoni kontenuta fl-art. 743 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jiddetta n-normi tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' dawn il-Gżejjer. Lanqas ma tidħol taħt l-ittra (g) talistess artikolu, kif l-attur ittanta jipprova, billi ma rriżultax li s-sentenza tista' tiġi eżegwita f'dawn il-Gżejjer kontra l-istess Loukas Francos;

Għaldaqstant tiddikjara li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma u tiddeċidi l-kawża in kwantu hi diretta kontra l-imsemmi Loukas Francos, u tillibera lil dan mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur;

Tikkunsidra, riferibbilment għall-konvenut l-ieħor Niyazi Mutaf;

In rigward ta' dan, ma ġietx sollevata l-eċċezzjoni fuq riferita, u lanqas ma setgħet tiġi sollevata, għaliex il-kawża in kwantu tirrigwarda lilu, taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' dawn il-Gżejjer, billi s-sentenza tista' tiġi kontra tiegħu eżegwita fl-istess Gżejjer, u skond l-artikolu ċitat tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — ittra (g) — dawn il-Qrati għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni u jiddeċidu kawżi rigwardanti kull persuna għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer;

Riferibbilment għall-meritu;

Mill-perizja jirriżulta li x-xiri tal-ful tal-kwalità "Panderma" kien bażat fuq il-kampjun li l-konvenut Mutaf bagħat lill-attur, imma dak ta' provenjenza "Karabiga" nxtara fuq sempliċi denominazzjoni, u li ġiet apposta l-kondizzjoni li l-ful kellu jitgħabba bis-separazzjoni;

L-attur jippretendi illi l-ful ta' Panderma kellu jkun eżatt għall-kampjun, iżda din il-pretensjoni tiegħu ma tistgħax tiġi milqugħa; l-għaliex mill-perizja jirriżulta illi l-vendita ta' dan il-ful ma kienetx proprijament fuq kampjun, in bażi għall-kampjun tal-istess merkanzija spedit mill-imsemmi konvenut lill-attur, imma kienet, inveċe, vendita fuq it-tip ta' dak il-kampjun. Hemm differenza bejn meta l-vendita tkun in bażi għall-kampjun u meta tkun fuq it-tip tal-kampjun. Fl-ewwel każ tkun neċessaria identità assoluta; fit-tieni każ ikun biżżejjed li l-merċi jkollha dak il-kumpless ta' karattri li jagħmilha appartenenti għat-tip u għall-kwalità pattwita, mingħajr ma l-kumpratur ikun jista' jeċċepixxi d-differenzi żgħar li minħabba fihom il-merċi ma tkunx tikkorrispondi għall-kampjun. Meta l-

kampjun ikun ġie kostitwit bħala l-uniku u esklużiv terminu tal-konfront bejn il-merkanzija mibjugħa u dik li għandha tiġi konsenjata, b'mod illi l-venditur ma jkunx jista' jiffriha u l-kumpratur ma jkunx tenut jirċieviha, jekk mhux in kwantu li l-istess merkanzija tkun f'kull parti tagħha perfettament konformi għall-kampjun kuntrattat, fil-prattika u fl-użu kummerċjali jiġu osservati kawteli speċjali biex jiġu assikurati l-konservazzjoni u l-identità tal-kampjun u biex jiggarantuh kontra l-perikolu ta' alterazzjonijiet u sostituzzjonijiet; u dawn il-kawteli, skond l-użu kummerċjali, jikkonsistu fis-suġġellament tal-kampjun, biex wieħed jibqa' għand il-bejjiegħ u l-ieħor għand ix-xerrej, wara li t-tnejn ikunu soddisfatti mill-ġenwinità tagħhom; jew fis-suġġellament tal-kampjun u d-depożitu tiegħu għand terza persuna magħżula bil-komuni fiduċja tal-partijiet;

Fil-każ preżenti, dawn il-kawteli ma ġewx meħuda; u inoltre, għalkemm fit-telegramm li l-attur fit-18 ta' Settembru 1959 bagħat lill-imsemmi konvenut Mutaf jgħid "Pourvuque qualitè comune echantillon", l-istess konvenut irrispondieh bit-telegramm tad-19 ta' Settembru 1959, fejn b'mod wisq ċar qallu "Feves Panderma suivant echantillon type"; u l-attur wara dan it-telegramm ma nsistiex fuq il-kampjun, lanqas fl-ittra tiegħu tal-ewwel ta' Ottubru 1959, meta kkonferma x-xiri lill-istess konvenut. Għaldaqstant il-vendita tal-imsemmi ful ma kienetx vendita fuq kampjun, imma fuq it-tip tal-kampjun, u kwindi l-attur ma kellux id-dritt li jeċċepixxi, fil-merkanzija lilu mibgħuta, differenzi żgħar li ma jagħmluhiex korrispondenti eżattament mal-kampjun;

Però, jekk l-attur ma setgħax jeċċepixxi dawk id-differenzi żgħar, hu kellu ċertament id-dritt jirrifjuta l-merkanzija jekk id-differenzi kienu kbar biżżejjed biex jirrendu l-istess merkanzija mhux tat-tip tal-kampjun;

Mill-perizja jirriżulta illi d-differenza bejn il-ful mibgħut u l-kampjun kienet tali li tiġġustifika lill-attur li jirrifjuta l-ful mibgħut; l-għaliex dan il-ful instab mgħobbi wisq b'ful irqieq, minn sittin sa sebgħejn fil-mija ħafna iżjed irqieq mill-kampjun, u hu fatt li l-attur ma setgħax

ibiegħu bil-prezz li bih kien ibiegħu kieku kien jixbaħ lill-kampjun, u li kieku ġie mgħobbi bis-separazzjoni bejn l-kwalità ta' Panderma u dik ta' Karabiga;

Fit-telf ta' dan il-profitt, jiġifieri fid-differenza bejn il-prezz realizzat u dak realizzabbli kieku mhux għar-raġunijiet indikati jikkonsistu d-danni, oltre fil-ħlas tal-import tan-nol fuq l-imsemmijin 86 tunnellata li waslu Malta, iżda għar-raġuni ġa mogħtija l-attur ma setgħax jirtira; u dawn id-danni mill-perizja jirriżulta li kienu £3. 10. 0d t-tunellata fuq it-365 tunellata ful ta' provenjenza Panderma, u ta' £4 t-tunellata fuq il-221 tunellata ful ta' provenjenza Karabiga; u kwindi komplessivament l-istess danni jammontaw għas-somma ta' £2161. 10. 0d;

Ma' din is-somma li l-konvenut Mutaf għandu jħallas lill-attur in linea ta' danni għar-raġuni premessa, għandha tiżdied is-somma ta' £206. 8. 0d illi l-istess konvenut għandu jħallas, anki in linea ta' danni, lill-attur in rifużjoni ta' daqstant illi l-istess attur ħallas għan-nol fuq il-partita fuq imsemmija ta' 86 tunellata li waslet Malta imma ma ġietx ritirata, u ġiet mibjugħa mill-perit b'ordni tal-Qorti, kif ġa ngħad aktar il-fuq. In meritu għat-talba tal-attur għar-rifużjoni ta' dan in-nol minnu mħallas, il-perit issottometta li l-attur kien xtara bil-kondizzjoni C & F (Cost and Freight), u allura ma kienx imissu jħallas l-imsemmi nol, għax dan kien imissu ġie mħallas kollu kemm hu mill-konvenut Mutaf qabel ma telaq il-bastiment; u inoltre, billi d-dokumenti għall-imsemmijin 86 tunellata ma kienux in regola, u ma ġew qatt f'idejn l-attur, dan ma setgħax jieħu l-merkanzija, u għalhekk l-attur għandu dritt għar-rifużjoni ta' dan in-nol, għaliex qatt ma ġiet lilu konsenjata l-polizza tal-karigu;

Għaldaqstant;

Prevja konferma tar-relazzjoni peritali;

Tiddikjara lill-konvenut Niyazi Mutaf responsabbli lejn l-attur tad-danni fuq riferiti;

Tillikwida fis-somma ta' £2161. 10. 0d l-import tal-

istess danni, u tikkundanna lill-istess konvenut Niyazi Mutaf li jħallas lill-attur dik is-somma (£2161. 10. 0d);

Tikkundanna wkoll lill-istess konvenut Niyazi Mutaf jħallas lill-istess attur is-somma ta' £206. 8.0d in rifużjoni tal-imsemmi nol fuq l-imsemmija 86 tunellata ful, nol imħallas mill-istess attur;

Bl-interessi kummerċjali, u bl-ispejjeż tal-kawża u relattivi.